II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/192

tal-20 ta' Ottubru 2021

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1151/2014 fir-rigward tal-informazzjoni li trid tiġi nnotifikata meta jiġi eżerċitat id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 35(5), l-Artikolu 36(5) u l-Artikolu 39(4) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1151/2014 [2] jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata mill-istituzzjonijiet ta' kreditu meta jeżerċitaw id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

(2) Sabiex titrawwem il-konverġenza fil-prattiki ta' valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tan-notifika ppreżentata mill-istituzzjonijiet ta' kreditu, jenħtieġ li l-informazzjoni speċifikata fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1151/2014 tiġi spjegata aktar fid-dettall. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu aġġornati ċerti referenzi għall-atti legali biex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt.

(3) L-informazzjoni li jipprovdu l-istituzzjonijiet ta' kreditu waqt in-notifika ta' passaport għal fergħa jenħtieġ li tkun dettaljata biżżejjed biex jiġi żgurat li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tkun tista' twettaq valutazzjoni preċiża u komprensiva tal-adegwatezza tal-istituzzjoni ta' kreditu biex twettaq l-attivitajiet li għalihom tiġi sottomessa n-notifika ta' passaport. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta tindika d-data tal-bidu maħsuba ta' kull attività u mhux biss id-data tal-bidu maħsuba tal-attivitajiet prinċipali. B'mod simili, jenħtieġ li l-pjan finanzjarju li fih tbassir għall-karta tal-bilanċ u għar-rapport tal-introjtu għal perjodu ta' tliet snin ikun jinkludi s-suppożizzjonijiet sottostanti.

(4) Sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-identifikazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu fil-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u dak ospitanti jew fil-komunikazzjoni bejn l-Istat Membru ospitanti jew tad-domiċilju u l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata, jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta mill-istituzzjoni ta' kreditu lill-awtoritajiet kompetenti tindika l-kodiċi ta' referenza nazzjonali tal-istituzzjoni ta' kreditu u l-identifikatur ta' entità ġuridika, jekk disponibbli.

[1] ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.

[2] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1151/2014 tal-4 ta' Ġunju 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni li trid tiġi nnotifikata meta jeżerċitaw id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi (ĠU L 309, 30.10.2014, p. 1).

(5) Huwa importanti li jiġi żgurat li d-depożiti jkunu sikuri u li l-informazzjoni finanzjarja li l-istituzzjoni ta' kreditu tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti tkun korretta u affidabbli. Għalhekk huwa meħtieġ li l-istituzzjoni ta' kreditu, meta tissottometti komunikazzjoni dwar it-terminazzjoni ppjanata ta' fergħa, tinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-miżuri li ttieħdu jew li qed jittieħdu biex jiġi żgurat li l-fergħa ma tibqax iżżomm depożiti jew fondi ripagabbli tal-pubbliku wara t-terminazzjoni tal-operat ta' dik il-fergħa.

(6) In-notifika tal-passaport ta' servizz jenħtieġ li tkun dettaljata biżżejjed biex jiġi żgurat li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tkun tista' twettaq valutazzjoni preċiża u komprensiva tal-adegwatezza tal-istituzzjoni ta' kreditu biex twettaq l-attivitajiet li għalihom tiġi sottomessa n-notifika ta' passaport. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta tindika d-data tal-bidu maħsuba ta' kull attività u mhux biss id-data tal-bidu maħsuba tal-attivitajiet prinċipali.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1151/2014 jiġi emendat skont dan.

(8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

(9) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1151/2014

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1151/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit minn dan li ġej:

"(a) l-isem u l-indirizz tal-istituzzjoni ta' kreditu u l-post prinċipali ta' negozju intiż tal-fergħa;";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), il-punti (ii) u (iii) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"(ii) lista tal-attivitajiet fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE li l-istituzzjoni ta' kreditu biħsiebha twettaq fl-Istat Membru ospitanti, inkluża d-data tal-bidu maħsuba għal kull attività, preċiża kemm jista' jkun, u, f'każ li l-attivitajiet jintemmu, il-lista tal-attivitajiet li ntemmu;

(iii) lista tal-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-attività prinċipali fl-Istat Membru ospitanti;"

(ii) fil-punt (b), il-punt (iii) huwa emendat kif ġej:

— il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"(iii) jekk il-fergħa tkun mistennija twettaq wieħed jew aktar mis-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment definiti fl-Artikolu 4(1)(2) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), deskrizzjoni tal-arranġamenti li ġejjin:

(*) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).";

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

— it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— l-arranġamenti għall-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 24 sa 28 tad-Direttiva 2014/65/UE u l-miżuri adottati skont dawn mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru ospitanti;";

(iii) fil-punt (d), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) pjan finanzjarju li fih tbassir għall-karta tal-bilanċ u għar-rapport tal-introjtu għal perjodu ta' tliet snin, li fih is-suppożizzjonijiet sottostanti;";

(2) fl-Artikolu 4(2), jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) jekk il-fergħa tieħu jew tkun ħadet depożiti u fondi ripagabbli oħra fl-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħha, dikjarazzjoni mill-istituzzjoni ta' kreditu li telenka l-miżuri li ttieħdu jew li qed jittieħdu biex jiġi żgurat li l-istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax iżżomm depożiti jew fondi ripagabbli oħra tal-pubbliku permezz tal-fergħa wara t-terminazzjoni tal-operat ta' dik il-fergħa.";

(3) fl-Artikolu 5, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) id-data tal-bidu maħsuba, b'mod preċiż kemm jista' jkun, għal kull attività li l-istituzzjoni ta' kreditu beħsiebha twettaq.'.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN